# Ħidmet l-Akkademja b'Riżq il-Malti

minn FRANS SAMMUT
*Segretarju Onorarju*

**L-Isfond Storiku**

QAJLA jista' wieħed ikejjel jew jiżen il-ġid li l-Akkademja tal-Malti għamlet lill-Ilsien Nazzjonali mindu twaqqfet fl-14 ta' Novembru 1920. X'aktarx, iżda, wieħed jista' jisħaq li l-akbar sehem li tat lil riżq il-Malti kien meta ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924 u xejnet darba għal dejjem it-taħwid kbir li kien isaltan fil-qasam tal-kitba bil-Malti bi ħsara kbira għat-tagħlim u għat-tixrid ta' l-għerf fost il-Maltin.

Bosta kienu dawk li riedu jneħħu dax-xkiel waħxi minn fuq ix-xefaq ta' min ried iħaddem ilsien art twelidu. Biżżejjed insemmu l-alfabett imħaddem minn De Soldanis (1750) u dawk ta' Mikiel Anton Vassalli, Missier l-Ilsien Malti (1791, 1827) biex ikollna ħjiel tat-tentattivi li saru fis-seklu tmintax u fil-bidu tas-seklu dsatax. Dawn u oħrajn ma sabux wisq min jinqeda bihom u mietu fuq ommhom.

Ngħidu aħna, Giuseppe u Luigi Bellanti ħarġu l-ktieb *Avvertimenti per la restaurazione della lingua maltese* li fih urew ix-xewqa u l-għan tagħhom li l-Malti jinkiteb bl-Għarbi. Illum nagħrfu li pass bħal dan, barra milli qatt ma kien jasal biex ilaħħaq ma' l-element rumanz fil-Malti, kien jiswa biex jorbot iktar il-Malti ma' l-ilsien Għarbi u ma joħorġu qatt mill-jasar ta' djalett lejn l-ilsien-omm. B'xorti tajba t-tentattiv ta' Bellanti twieled mejjet flok miet il-Malti bħalma jinsabu mejtin id-djaletti Għarab li baqgħu bħall-flieles madwar il-qroqqa u ma kibru qatt.

Fl-1839 ħareġ il-ktieb *English and Maltese Reading Book for the use of Government Primary Schools* b'ortografija li tuża ittri Rumani u Għarab. Il-ħruġ ta' dal-ktieb kien frott ta' ħidmet il-Kummissjoni Ingliża li ġiet Malta fl-1836 u rrikkmandat li t-tfal jibdew jitgħallmu jaqraw l-ewwel bil-Malti u mbagħad bl-Ingliż u bit-Taljan. L-istudjuż Ingliż George Percy Badger kien jaħseb li dal-ktieb xtaqu Lewis, wieħed minn tal-Kummissjoni, u li x-xogħol kien tħalla f'idejn il-Kanonku Annetto Casolani li kien għalliem ta' l-Għarbi. Il-ktieb mhux biss inqeda bi grafemi Għarab bħalma kien

għamel Canolo fl-1822 f'*Il-Vanġelu ta' San Ġwann*, iżda ried iressaq il-Malti kemm jista' jkun lejn l-Għarbi. Fl-istess sena Francis Vella li kien ħareġ grammatika u Abeċedarju tal-Malti, ħareġ ktejjeb bl-isem ta' *Tfixchil t'Alfabet Għarbi-Ruman — Inconvenienti di un alfabeto Arabo-Romano* (Livorno). Biex juri l-kruha tat-taħlita ta' dan l-alfabett f'paġni 36-37 kiteb din il-poeżija kemm bl-alfabett tiegħu kemm b'dak mixli b'taħwid:

Xemx oħroġ mix xefak
  Xuxtec mixgħula ferrex,
  U b' ħeffet il berak
  Il - littri għarab gherrex
  Mit tagħlim xilxieni.

In Nofs-Għarab xicchel
  B' dàc xagħrec collu nàri ;
  Mill' Alfabei-Mfixchel
  Eħles it tfàl scolàri ;
  Iddeu eħles cminieni !

| | |
|---|---|
| شemش oċrog miش شefaق | *Xemx oħroġ mix-xefaq* |
| شuشtek miشċula ferreش | *Xuxtek mixgħula ferrex,* |
| U b' ċeffet il beraق | *U b'ħeffet il-beraq* |
| Il lettri ċarab gherreش | *Il-ittri Għarab gerrex* |
| Mit taċlim شilشieni | *Mit-tagħlim xilxieni.* |
| | |
| In Nofs-ċarab شikkel | *In-Nofs-Għarab xikkel* |
| B' dàk شaċrek kollu nàri; | *B'dak xagħrek kollu nari;* |
| Mill' Alfabet-'mfiشkel | *Mill-alfabett imfixkel* |
| Eċles it-tfàl skolari; | *Eħles it-tfal skulari;* |
| Iddeu eċles kmieni! | *Iddew eħles kmieni!* |

Imbagħad fl-1843 is-*Società Filologica Maltese (Accademia Filologica)* ħarġet l-alfabett tagħha li kien jixbah lil dak tat-Taljan fil-ktieb għall-iskejjel jismu *Tagħlim il Kari Malti.* Fl-istess sena ħarġet l-ewwel għadd ta' l-organu tagħha *Il Malti Michtub mil Academia Filologica Maltia,* bit-testi bil-Malti u bit-Taljan biswit xulxin. L-alfabett tagħha ddaħħal fl-iskejjel fl-1850 mill-Kanonku Paolo Pullicino flok dak tad-Direttur ta' qablu l-Kanonku Fortunato Panzavecchia, dixxiplu sfiq ta' Vassalli, u baqa' jitħaddem sa l-1883.

Bosta kotba oħra miktuba b'dan l-alfabett, fosthom dawk ta' Ġan Anton Vassallo, kattru l-letteratura Maltija li kienet għadha tat-twelid, u't-tħaddim tiegħu tant żdied u kotor li sa meta ngħatat għarfien uffiċjali l-ortografija ta' l-Għaqda, nistgħu ngħidu li l-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet letterarji Maltin kienu msejsin fuq il-prinċipji tiegħu. B'danakollu min għandu l-iċken għarfien ta' l-ilsna semitiċi, li l-Malti tnissel minnhom, dlonk jintebaħ li ta' l-*Accademia Filologica* kienet ortografija nieqsa minn kull ħjiel lingwistiku xjentifiku.

Fl-1882 twaqqfet ix-*Xirka Xemia* li għad li kellha ħajja qasira laħqet fasslet alfabett fonetiku b'29 ittra li kien mibni fuq prinċipji fonetiċi sodi u b'regoli ortografiċi sħaħ u mdawlin minn għarfien tal-bixra Semitika (Xemija = Semitika), u bdiet toħroġ ġurnal imsemmi *Is-Sebħ*. Meta Sigismondo Savona sar Direttur ta' l-Istruzzjoni Pubblika — kif kienet tissejjaħ l-Edukazzjoni fis-sens ta' tagħlim dak iż-żmien — fl-14 ta' Diċembru 1882 daħħal l-Alfabett tax-*Xirka Xemia* fl-iskejjel tal-Gvern. Fost il-kittieba li użaw l-alfabett insibu lil Annibale Preca: *Alfabet Fonetku* (1883), *L-Ewwel Ktieb tal-Qari* (1883), *Żieda* (1885) li daħlu bħala kotba tat-tagħlim fl-iskola; S. Mamo: *English Maltese Dictionary* (1885); Akille Ferris: *Qari Malti*. Illum nintebħu bl-għeltijiet li kien fih dan l-alfabett iżda għal dak iż-żmien kien siewi ġmielu.

Ta' siwi storiku hija d-daħla lill-għalliema li għamel Sigismondo Savona għar-riformi skolastiċi li daħħal fid-dawl tal-magħruf Rapport Keenan: "Waħda mill-bidliet il-kbar li qegħdin indaħħlu hija l-lezzjoni tal-qari bil-Malti li għandha tingħata kuljum f'kull klassi. Il-għan ta' dil-bidla m'huwiex biss li t-tfal Maltin jitgħallmu jaqraw sew b'ilsienhom, iżda li jitgħallmu, b'riħet il-ktieb tal-qari Malti mitbugħ dan l-aħħar u oħrajn li qegħdin jitħejjew, l-għarfien ewlieni xieraq għat-tfal li jmorru l-iskola, jiġifieri dmirijiethom lejn il-Ħallieq tagħhom, lejn art twelidhom u lejhom infushom. Din il-lezzjoni, li għaliha niġbdilkom l-attenzjoni tagħkom, iġġibilkom ix-xoqqa f'moxtha li trawmu l-ħiliet morali u intellettwali ta' l-allievi tagħkom; din il-ħidma tista' ssir biss permezz ta' l-ilsien waħdani li jifhmu t-tfal, jiġifieri l-ilsien nattiv Malti tagħhom."

Iżda fl-1888 l-alfabett tax-Xirka tneħħa għax ingħad li minħabba fih it-tfal ta' l-iskola primarja kellhom jitgħallmu t-tielet alfabett, jiġifieri barra mill-Ingliż u t-Taljan. Minfloku reġa' daħal dak ta' l-*Accademia Filologica*. Dr Antonio Caruana li laħaq Direttur flok Savona reġa' daħħal l-alfabett Italo-Malti ta' l-

*Accademia* għax kien isaħħaħ il-fehma li jedd il-Malti kien biss li jiswa ta' rifda għat-tagħlim tat-Taljan. Il-polemika dwar l-alfabett Malti reġgħet ħadet u fl-1897 kellu jitwaqqaf Kumitat Magħżul *(Select Committee)* biex isib tarf dil-kobba mħabbla.

Fl-1893 reġa' sar sforz minn xirka ġdida mwaqqfa minn Napuljun Tagliaferro, b'Ġanni Vassallo, Ninu Muscat Fenech, A.E. Caruana, Akille Ferris u Ġużè Muscat Azzopardi bl-isem *Kumitat tal-Kittieba tal-Malti* bil-ħsieb li jitfassal alfabett aktar popolari minn dak tax-*Xirka Xemia* iżda l-ħsieb ma rnexxiex. Wieħed mill-imsieħba, Ġanni Vassallo, fl-1901 ħareġ il-ktejjeb *Il-Muftieh tal-Chitba Maltija* bil-għan li jgħin fil-kitba t-tajba tal-Malti. L-alfabett ta' Vassalli kien jixbah lil ta' l-*Accademia,* iżda ftit li xejn kienu l-kittieba li laqgħuh u għamluh tagħhom u l-Gvern ħadu biss għal xi kotba fl-iskejjel u xi kitba fit-tmexxija tal-pajjiż.

Il-Maltin donnhom qajla jaqblu bejniethom fuq xi ħaġa mingħajr ħafna tilwim u tmasħin. Din l-għada x'aktarx teħżien fejn jidħol il-qasam tal-Malti u kitbietu. Flok intlaħaq ftehim kemm jista' jkun malajr xejn xejn għal wiċċ il-letteratura Maltija li ġmielha kienet qiegħda toktor, il-kittieba nfexxew f'polemika bejniethom li ma dehritx li seta' jkollha tmiem.

F'*Il-Gazzetta Maltija* tal-11 ta' Novembru 1899, ngħidu aħna, tidher ittra ta' Ġużè Muscat Azzopardi li fiha jaqbel ma' l-editur li tieqaf il-polemika li Ġużè Muscat Azzopardi kellu ma' Annibale Preca dwar il-kritika letterarja, sewwasew għax kif qal hu, il-kittieba kienu moħlija jħaqquha fuq il-kwistjoni taħraq ta' l-ortografija u nsew il-bqija. Ġużè Muscat Azzopardi jistqarr li l-ebda wieħed mill-kittieba Maltin, fosthom hu, ma kien qed jikteb b'Malti tajjeb. Jidher ċar li Ġużè Muscat Azzopardi ried iqanqal lill-kittieba sħabu biex joqogħdu ras ma' ras u jneħħu x-xkiel min-nofs billi flimkien joħolqu ortografija waħda li mbagħad twitti t-triq għall-letteratura Maltija li kellu għal qalbu u raha li ma tistax tieħu r-ruħ u tixxettel tabilħaqq.

Donnu ma' tmiem is-seklu ried itemm il-polemika li ħarrxet lil kulħadd iżda ma wasslet imkien. Minn ħidmitu deher ċar ukoll li magħha ried itemm in-nuqqas ta' ftehim u qbil dwar l-ortografija li kien ilu ġej mill-inqas seklu u nofs. Ħidmitu baqgħet sejra bla tnaqqis fis-seklu l-ġdid sa ma wasslet biex fl-1920 titwaqqaf l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* (illum l-*Akkademja tal-Malti*) u l-Malti jibda jagħmel passi ta' ġgant.

Barra minn hekk fl-ewwel għexieren tas-seklu għoxrin bdew iseħħu ġrajjiet kbar fl-istorja ta' Malta. Fis-7 ta' Ġunju 1919 seħħet rewwixta kbira kontra l-ħakkiema Ingliżi li biex itaffu għadab il-Maltin bdew ftit ftit iroddulhom il-jeddijiet li kienu ħadulhom — jew baqgħu ma tawhomx — mindu niżlu fi xtutna bħala ħelliesa fl-1800. Fl-1921 il-Maltin kisbu l-Awtonomija jew kif sejħulha l-Ingliżi s-*Self-Government*. L-Ingliżi riedu jitħabbu iżjed mal-Maltin u jbegħduhom minn min seta' jidħol minflokhom billi bdew jerħu idhom f'oqsma oħra wkoll: fosthom jedd il-Malti, l-ilsien nazzjonali.

Il-miġja ta' l-awtonomija politika qanqlet lill-Maltin biex jitħażżmu politikament u b'hekk nibtu l-partiti politiċi. Il-mexxejja Maltin tħejjew ukoll fil-qasam ta' l-identità nazzjonali u fl-1920 feġġet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bil-għan li trawwem u ssaħħaħ l-għodda ewlenija ta' dik l-identità — l-Ilsien Malti.

**Titwieled l-Akkademja**

Fil-21 ta' Settembru 1920 dehret sejħa fuq *Il-Ħabib* magħmula minn XC — Franġisk Saver Caruana — biex jingħaqdu flimkien il-letterati tal-Malti bil-għan li jsir studju dwar l-ortografija u li jissawwar alfabett li jibda jużah kulħadd. Bosta kienu l-kittieba li wieġbu għal dik is-sejħa.

Imbagħad fid-9 ta' Novembru 1920 ħarġet ċirkolari li sejħet Laqgħa Ġenerali fl-*Unione Cattolica San Giuseppe* tal-Belt Valletta għall-14 ta' dak ix-xahar. Għal-laqgħa nġabru sitta u tletin kittieb waqt li ħafna oħrajn qablu magħhom fil-ħsieb u bagħtu jgħarrfuhom bil-fehma tagħhom bil-kitba.

Jidher li l-miġbura ħadu l-isem ta' *Xirka Filoloġika u Letterarja* u qablu li l-għan ewlieni ta' din l-għaqda ġdida kellu tliet fergħat:

1. li jissawwar Alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi,
2. li jinġabru flimkien il-kittieba,
3. li titnissel letteratura.

Fl-ewwel laqgħa nħatru Ġużè Muscat Azzopardi, dak li qanqal kollox, bħala President, u F.S. Caruana li kien jaħdem mill-qrib miegħu, bħala Segretarju, u wkoll kummissjoni magħmula minn Ġużè Muscat Azzopardi nnifsu, P.F. Bellanti, Monsinjur Pawl Galea, Ninu Cremona, Dun Karm Psaila għal Malta, u Ġanni Vassallo, l-avukat Ġużè Micallef u l-Monsinjur Pawlu Cauchi għal Għawdex biex tistħarreġ il-kwistjoni ta' l-ortografija, issawwar alfabett u regoli grammatikali u tressaq rapport kemm jista' jkun malajr.

Il-Kummissjoni ltaqgħet sbatax-il darba biex ħejjiet l-abbozz mitlub minnha, iżda billi l-alfabett kellu jkun is-sies ta' kull ftehim, qatgħuha li l-ewwel ma kellhom jagħmlu kien li jressqu l-alfabett propost quddiem laqgħa ġenerali li mbagħad saret fit-18 ta' Diċembru 1921.

Matul ħidmietha l-Kummissjoni saret midħla sew tal-*Grammatica* ta' Vassalli (1827), ħiqdiet ħafna bix-xogħol tax-*Xirka Xemia,* li mingħandha ħadet il-*k,* il-*q* u l-*w,* minn ta' l-Accademia Filologica ħadet iċ-*ċ,* il-*g,* u l-*għ*; għar-regoli grammatikali mxiet fuq il-*Muftieħ* ta' Ġanni Vassallo.

Mhux kulħadd qabel mal-proposti tal-Kummissjoni u dehru għadd ta' ittri l-aktar f'*Il-Ħabib* fejn seħħet diskussjoni sħiħa li fiha ħadu sehem, fost oħrajn, Dun Karm, l-avukat Ġużè Micallef, Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Kien hemm oħrajn li ma ridux juru fehmithom fil-beraħ u kitbu lis-Segretarju.

Sabiex iseħħu l-għanijiet u l-ħsibijiet ta' l-Għaqda kien jeħtieġ li tissawwar sew u għalhekk, l-ewwel ħaġa li ħtieġet kien statut. Dan l-istatut tressaq u għadda fil-laqgħa tas-7 ta' Mejju 1922.[1] F'dik il-laqgħa wkoll inħatar l-ewwel Kumitat li kien magħmul hekk: President Onorarju: l-Onor. Professur Temi Zammit, C.M.G., D.Litt. (Oxon.); President: il-Kav. Ġużè Muscat Azzoparid, B.M.; Viċi-President: l-Onor. Senatur Monsinjur Pawl Galea; Segretarju: F.S. Caruana, 19, Strada Reale, il-Belt; Kaxxier: l-Onor. Arturo Mifsud, M.L.A.; Membri: Dun Karm Psaila, Ninu Cremona, Ġużè Demajo, P.L., Rogantin Cachia, Ġużè Micallef Goggi, Vinċenz Mifsud Bonnici.

Ma' l-istatut tqassmet karta li l-għan tagħha kien li torbot lil dawk kollha li ssieħbu f'dik li issa bdiet tissejjaħ l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti biex jiktbu bl-ortografija li l-imsieħba tagħha qablu dwarha. Kieku ma sarx dan il-patt, l-Għaqda setgħet ma ssawret u ma għamlet xejn. Il-karta kienet tgħid hekk:

"Jien li hawn taħt ktibt ismi, nitlob li ngħodd ruħi ma' l-imseħbin ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, u għalhekk jiena ngħarraf li ġa qrajt l-Istatut tagħha u li malli nkun imsieħeb f'din l-Għaqda jiena lest biex noqgħod għalih u li fl-ortografija tal-kitba tiegħi bil-Malti, nimxi kif titlob l-Għaqda."

Imsaħħa bil-fehma ta' dawk li qablu magħha l-Għaqda bdiet taħseb biex wara l-alfabett toħroġ il-grammatika tagħha. Il-

1. Ara, Appendiċi.

grammatika tlestiet wara sentejn u kienet għaġeb tal-lingwistika ta' żmienha, ġabra ta' regoli mfasslin bil-ħila u bir-reqqa: biċċa xogħol li kienet l-aktar frott tal-ħidma bla heda ta' Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Din il-grammatika ngħatat l-isem ta' *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.*

Billi l-Għaqda ma kellhiex imnejn tħallas għall-ħruġ tat-*Tagħrif* — lanqas meta għamlet ħidma letterarja li fiha ndaqq l-ewwel darba l-Innu Malti ta' Dun Karm u Robert Samut ma nġabru biżżejjed flus — l-Għaqda talbet lill-Gvern joħroġ it-tletin lira meħtieġa. Il-Gvern laqa' talbet l-Għaqda u t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* ħareġ fl-1924, kull kopja tinbiegħ għaxar soldi.

Issa li l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti laħqet wieħed mill-għanijiet tagħha, dak lingwistiku, daret għall-ieħor, dak letterarju. Fl-1 ta' Novembru 1924, għalhekk, ħatret kummissjoni oħra, magħmula minn Ġużè Darmanin Demajo, Vinċenz Mifsud Bonnici, Ġużè Micallef u F.S. Caruana biex tħejji proġett għall-ħruġ ta' rivista letterarja. Il-Kummissjoni ressqet proġett fil-21 ta' Diċembru 1924 li l-qofol tiegħu kien li ġej:

"1. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti toħroġ ktieb ta' 8vo ta' mhux anqas minn 24 faċċata, u mhux anqas minn darba kull tliet xhur;

2. L-artikli li jidhru ma jkunux fuq il-politika jew kontra t-tagħlim nisrani;

3. Ir-rivista tkun f'idejn Direttur u Amministratur."

Dun Karm fisser l-għanijiet tar-rivista li ssejħet *Il-Malti* hekk: "Biex turi kif għandu jinkiteb il-Malti b'dak l-alfabett u b'dik l-ortografija, l-Għaqda bdiet il-ħruġ tar-rivista fejn setgħet tfisser u xxandar il-fehmiet tagħha, tħaddan is-setgħat letterarji, tgħallem lill-barranin mill-Għaqda fejn isibu mirja ta' kitba maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, tħajjar liż-żgħażagħ jintefgħu għal kitba xierqa u fejjieda u tkebbes u tħeġġeġ f'kulħadd l-imħabba safja lejn ilsien pajjiżna, ilsien missirijietna."

Direttur ta' *Il-Malti* kien il-President ta' l-Għaqda, Ġużè Muscat Azzopardi li dak iż-żmien kien joqgħod f'numru 89, Triq Santa Luċija, il-Belt Valletta. Fost il-kittieba ta' l-ewwel erba' numri ta' *Il-Malti* kien hemm Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm, Sir Temi Zammit, Ġużè Gatt, Ninu Cremona, F.S. Caruana, l-Isqof Camilleri, Monsinjur Karlu Cortis, Ġużè Micallef Goggi, il-Professur Avukat Carmelo Mifsud Bonnici, Ružar Briffa, Dr P.P. Agius, Vincenzo Mifsud Bonnici, Professur Carlo A. Nellino u l-Patri Albert Vaccari.

Fil-5 ta' Diċembru 1929, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għamlet talba lill-Gvern biex jagħraf uffiċjalment l-Alfabett u l-Ortografija tagħha. Fl-1932 il-Gvern daħħal l-ortografija ta' l-Għaqda fl-iskejjel u fl-1 ta' Jannar 1934 għaraf uffiċjalment l-Alfabett u l-Ortografija tagħha. B'din is-sistema bdew jinkitbu bil-Malti ta' l-Għaqda d-dokumenti uffiċjali, il-Malti sar l-Ilsien Uffiċjali tal-Qorti, bdew jinkitbu bih l-atti notarili u daħal fil-Parlament u fil-knejjes. Dan kien l-aqwa trijonf ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti.

Ġa fl-1925 meta rat li rnexxielha żżomm kelmitha f'kulma wiegħdet, jiġifieri li toħroġ it-*Tagħrif* u *Il-Malti*, l-Għaqda bdiet tħoss li għandha tieħu xejra aktar sħiħa — dik ta' Akkademja, ukoll għal ġieħ Art Twelidna. Dan twettaq fl-Istatut il-ġdid tas-17 ta' Ottubru 1926 meta l-Għaqda ħadet l-isem ta' Akkademja ta' l-Ilsien Malti. Iżda billi nstab li fost il-poplu baqa' jiswa l-isem ta' l-Għaqda, fil-laqgħa tal-kumitat tat-18 ta' Diċembru 1927 tressqet mozzjoni biex l-Istatut ta' l-1926 ikun emendat. Bl-Istatut li għadda fil-laqgħa ġenerali tal-15 ta' Jannar 1928, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti sfat "imdaħħla u magħquda f'Xirka waħda ma' l-Akkademja ta' l-Ilsien Malti li tibqa' tingħaraf bl-isem ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti."

Fl-1924 reġa' ssawwar Statut tista' tgħid ġdid għal kollox barra fejn jidħlu l-ħsieb u l-għan ta' l-Għaqda li baqgħet magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Iżda fit-13 ta' Diċembru 1964, meta reġa' sar Statut ġdid ieħor, l-isem sar l-Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) għall-istess raġunijiet ta' 38 sena qabel, kif baqa' mqar meta l-Istatut reġa' ġie rivedut fil-21 ta' Mejju 1967.

Sas-snin tmenin kienet inħasset sew il-ħtieġa li jsiru regolamenti dwar il-kliem ġdid li laħaq daħal fil-Malti mis-snin għoxrin lil hawn. Għalhekk l-Akkademja tal-Malti ħadet ħsieb toħroġ iż-*Żieda mat-Tagħrif* li ġiet mitbugħa f'għadd speċjali ta' *Il-Malti* (1-2 Jannar-Ġunju 1984) wara li d-dokument kien diskuss f'seminar nhar is-Sibt 14 ta' April 1984 taħt il-Presidenza tas-S.T. l-Imħallef (wara Professur) Dr Wallace Ph. Gulia. Il-ħidma kienet saret minn kummissjoni magħmula mill-President u mis-Sinjuri Pawlu Aquilina, J.J. Camilleri, Ġużè Chetcuti u Joe Zammit Mangion. Ir-rapport kien jismu sewwasew *Żieda mat-Tagħrif — L-Ortografija ta' Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti — Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)*. L-Akkademja ressqet dan id-dokument quddiem l-awtoritajiet tal-Gvern għall-

għarfien uffiċjali, kif għamlet issa b'dan l-Aġġornament (ħidma ta' kummissjoni magħmula mis-Sinjuri Ġużè Chetcuti, Joe Felice Pace, Ġorġ Mifsud Chircop, Toni Mercieca, Mario Serracino Inglott, Joe Zammit Mangion) li qegħdin inressqu lill-poplu Malti għall-ġid dejjiemi ta' l-Ilsien Nazzjonali.

## APPENDIĊI

### L-ISTATUT TA' L-1922

I Art. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti twaqqfet biex:

(a) tagħżel, taħdem u żżomm ortografija waħda fil-kitba Maltija;

(b) taqbeż għall-jedd li għandu l-ilsien Malti, u turi ġmielu u bżonnu;

(ċ) ixxerred kemm tista' kotba miktubin skond il-fehma tagħha, kemm-il darba dawn il-kotba ma jkunux kontra r-Reliġjon tagħna.

II Art. L-Għaqda ma tindaħalx f'politika, imma taqbeż għall-fehmiet tagħha kif jidhru fl-ewwel Art. ta' dan l-Istatut.

III Art. B'imsieħba tilqa' lil dawk kollha li jridu jaħdmu għat-tixrid ta' l-ilsien Malti.

IV Art. Biex wieħed jissieħeb fl-Għaqda jeħtieġlu:

(a) jitlob li jissieħeb billi jiffirma karta stampata, magħmula għalhekk;

(b) li ismu jiġi mressaq, bil-miktub, minn tnejn mill-imseħbin;

(ċ) li jgħaddi minn laqgħa ta' l-imseħbin.

V Art. Kull wieħed mill-imseħbin iħallas xelin kull tliet xhur; li bihom jitħallsu l-ispejjeż ta' l-Għaqda u tixxerred kitba bil-Malti, f'sura ta' kotba jew ta' gazzetti.

VI Art. Kull imsieħeb għandu l-jedd għal kull ma tistampa l-Għaqda (Art. V) jekk ma jkunx lura fil-ħlas aktar minn sitt xhur.

VII Art. Min matul sena, ma jħallas qatt, jista' jkun imneħħi mill-Għaqda.

VIII Art. L-Għaqda tfittex li tgħin ruħha b'offerti ta' flus u benefiċċji oħra.

IX Art. Il-flus li l-Għaqda ddaħħal (Art. VII) ikunulha kapital għall-istampar ta' opri bil-Malti.

X Art. (a) Laqgħat ta' l-imseħbin isiru kull meta jidhirlu l-President;

(b) talba lill-President, iffirmata minn żewġ membri tal-Kumitat u sitt imsieħba oħra għandha ssejjaħ laqgħa ta' l-imseħbin.

XI Art. (a) Laqgħat ta' l-imseħbin mhux inqas minn darbtejn kull sena, bi *quorum* ta' 15.

(b) Kull darba li laqgħa ma ssirx, minħabba n-nuqqas tal-*quorum* it-tieni sejħa ssir b'kull għadd ta' msieħba.

XII Art. Jista' jitbiddel jew jiżdied artiklu f'dan l-Istatut b'mhux anqas minn tnejn minn kull tlieta tal-voti.

XIII Art. (a) Il-Kumitat ikun mgħaqqad minn: President, Viċi-President, Segretarju, Kaxxier u 7 membri oħra.

(b) Il-President għandu l-*casting vote*, kull meta jkun hemm l-istess għadd ta' voti favur u kontra.

XIV Art. Jiġi wkoll maħtur President Onorarju.

XV Art. Il-Kumitat ikun maħtur darba kull sena.

XVI Art. (a) Il-*quorum* tal-Kumitat ikun ta' 5;

(b) żewġ membri tal-Kumitat għandhom il-jedd isejħu laqgħa tal-Kumitat.

XVII Art. Hu dmir tal-Kumitat:

(a) li jaħseb biex timxi sewwa l-Għaqda u jiġi mħares l-Istatut;

(b) li jqanqal ħwejjeġ li bihom l-Għaqda ma tibridx u jaħseb biex ikabbar il-fondi (Art. VIII);

(ċ) li joqgħod b'seba' għajnejn li kemm jista' jkun l-imseħbin iżommu l-ortografija minnha magħżula, u għalhekk jaħtar Kummissjoni biex taqra l-kitba kollha bil-Malti u tibgħat (jekk jeħtieġ) twissijiet lill-kittieba jew lill-edituri;

(d) li jqassam lill-istampa, kitba Maltija tajba;

(e) li jaħseb biex isiru taħditiet (*lectures*) fuq l-ortografija tal-Malti.